# Il-Prodott Domestiku Gross (PDG): K2/2024

**NR 159/2024** | **Data tal-Ħruġ: 28 ta' Awwissu 2024** | **Data tal-Għeluq: 26 ta' Awwissu 2024**
**Errata Corrige: 26 ta' Awwissu 2024 fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija**

**L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika għamel reviżjoni tal-punti ta' riferenza tal-Kontijiet Nazzjonali, li r-riżultati tagħha qed joħorġu f'din l-istqarrija tal-aħbarijiet. It-titjib ewlieni miġjub b'din ir-reviżjoni jinkludu l-integrazzjoni tat-Tabelli tal-Provvista u l-Użu tal-2019 u ċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar tal-2021, fost oħrajn.**

**Errata Corrige: Tabella nru 8 reġgħet ittellgħet wara aġġornament li sar wara l-pubblikazzjoni tal-Istqarrija. Barra minn hekk, is-sitt ringiela fit-Tabella nru 1 li turi d-deflatur tal-PDG ġiet riveduta. L-ebda tibdil fil-kummentarju ma kien meħtieġ. Id-dokumenti online ġew emendati fit-28 ta' Awwissu 2024 fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija.**

*Stimi proviżorji juru li l-Prodott Domestiku Gross (PDG) fit-tieni kwart tal-2024 ammonta għal €5.5 biljuni biex b'hekk irreġistra żieda ta' €389.8 miljun, jew 7.6 fil-mija meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2023. F'termini reali, il-PDG tela' b'4.4 fil-mija.*




Fit-tieni kwart tal-2024, il-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-ekonomija Maltija rreġistra rata ta' tkabbir pożittiva ta' 4.4 fil-mija f'termini reali, fuq bażi annwali.

Id-deflatur tal-PDG żdied bi 3.1 fil-mija meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Dan huwa tnaqqis ta' 0.8 punti perċentwali meta mqabbel mar-rata sena għal sena li kienet irrekordjata fl-ewwel kwart tal-2024.

## Ċart nru 1. Il-Prodott Domestiku Gross

Ir-rata tat-tkabbir f'termini reali fuq bażi annwali




**Il-PDG mill-aspett tal-produzzjoni**

Il-PDG jitkejjel billi jingħadd il-Valur Miżjud Gross (VMG) tal-ekonomija mad-differenza bejn it-Taxxi u s-sussidji fuq il-prodotti. Il-VMG huwa d-differenza bejn il-produzzjoni u l-konsum intermedju ta' kull attività tal-ekonomija.

Matul it-tieni kwart tal-2024, il-VMG kiber b'5.2 fil-mija f'termini nominali meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2023.

Kemm is-Servizzi (Taqsimiet tan-NACE minn G sa U) kif ukoll l-Industrija (Taqsimiet tan-NACE minn B sa F) irreġistraw kontribut pożittiv għar-rata tat-tkabbir tal-VMG f'termini nominali b'5.0 u 0.5 punti perċentwali, rispettivament. L-impatt tal-Agrikoltura u s-sajd (Taqsima tan-NACE A) fuq it-tkabbir tal-VMG kien negattiv b'0.3 punti perċentwali.

It-tkabbir fis-Servizzi kien dovut l-aktar għar-rati tat-tkabbir f'dawn l-oqsma: l-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (11.4 fil-mija), l-Attivitajiet tal-proprjetà immobbli (13.1 fil-mija), u l-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni (8.6 fil-mija)[1] (Tabella nru 5).

**Il-PDG mill-aspett tan-nefqa**

Il-PDG jiġi kkalkulat ukoll billi jingħaddu flimkien in-Nefqa fuq il-konsum finali, il-Formazzjoni ta' kapital gross, u l-Esportazzjoni netta.

Id-domanda domestika kellha sehem pożittiv ta' 2.1 punti perċentwali fuq ir-rata tat-tkabbir tal-PDG f'termini reali meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Id-domanda esterna kellha sehem pożittiv ta' 2.3 punti perċentwali.

Fit-tieni kwart tal-2024, in-Nefqa fuq il-konsum finali kibret b'2.5 fil-mija f'termini reali. Dan kien dovut l-aktar għaż-żidiet fin-nefqa tal-Households (4.1 fil-mija) u tal-NPISHs[2] (1.5 fil-mija). Għall-kuntrarju ta' dan, kien hemm tnaqqis ta' 1.6 fil-mija fin-nefqa fuq il-konsum finali tal-Gvern Ġenerali.

Il-Formazzjoni ta' kapital fiss gross żdiedet bi 2.1 fil-mija f'termini reali.

F'termini reali, l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi żdiedu b'5.2 fil-mija u bi 3.9 fil-mija, rispettivament (Tabella Nru 8).

**Il-PDG mill-aspett tad-dħul**

Il-PDG jiġi kkalkulat ukoll permezz tad-dħul, li huwa magħmul mill-Kumpens tal-impjegati, il-Qligħ mill-operat tal-intrapriżi u t-Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

Meta mqabbla mat-tieni kwart tal-2023, iż-żieda ta' €389.8 miljun fil-PDG f'termini nominali kienet magħmula miż-żieda ta' €173.7 miljun fil-Kumpens tal-impjegati, miż-żieda ta' €89.3 miljun fil-Qligħ mill-operat tal-intrapriżi u l-Introjtu mħallat gross, u żieda ta' €126.8 miljuni f'Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni (Tabella nru 9).

**Id-Dħul Nazzjonali Gross (DNG)**

Il-DNG huwa kejl differenti mill-PDG minħabba dħul barrani nett relatat mal-Kumpens tal-impjegati, Introjtu mill-proprjetà u Taxxi netti fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

Meta jkunu kkunsidrati l-effetti tal-introjtu u t-taxxa mħallsa u rċevuta mir-residenti lejn u mill-bqija tad-dinja, id-DNG f'termini nominali għat-tieni kwart tal-2024 huwa stmat li ammonta għal €4.8 biljuni (Tabella nru 1).

**Reviżjoni tal-punti ta' riferenza fl-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali għas-snin ta' riferenza mill-1995 sa 2024K2**

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika qiegħed jagħmel reviżjoni tal-punti ta' riferenza fl-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali. Din ir-reviżjoni għandha l-għan li tirrifletti titjib fil-metodoloġiji li jkun ġej minn tibdil fil-metodi, il-kunċetti, is-sorsi tad-data, it-tifsiriet u l-klassifikazzjonijiet u jaffettwaw is-serje kronoloġika kollha.

It-titjib ewlieni miġjub mir-reviżjoni tal-punti ta' riferenza huwa mniżżel hawn taħt:

- L-integrazzjoni tat-Tabelli tal-Provvista u l-Użu (Supply and Use Tables) għas-sena 2019. Dawn huma sors siewi ta' data li jipprovdu qafas integrat għall-verifika tal-konsistenza u l-kompletezza tad-data tal-kontijiet nazzjonali. Dawn it-tabelli, li huma organizzati skont il-prodott u l-industrija, juru kif il-provvista ta' oġġetti u servizzi jinħarġu mill-produzzjoni domestika u l-importazzjoni, jintużaw għall-konsum intermedju u l-użu finali (in-nefqa fuq il-konsum finali, il-formazzjoni ta' kapital gross u l-esportazzjoni);
- L-integrazzjoni taċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar tal-2021, li jagħti statistika fid-dettall dwar id-demografija u d-djar;
- L-integrazzjoni tar-riżultati tal-2020,l-2021 u parzjalment tal-2022 tal-Istatistika Strutturali tan-Negozju (SBS). Dawn huma mogħtijin skont il-klassifikazzjoni tal-attività tan-NACE u jkopru l-industrija, il-kostruzzjoni u l-biċċa l-kbira tas-servizzi. L-SBS jinkludi sett ta' varjabbli dwar id-demografija tan-negozju u l-karatteristiċi tal-impjieg, kif ukoll varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-flus (pereżempju, id-dħul u n-nefqa marbuta ma' indikaturi bħall-valur miżjud u l-investiment). Mill-2020, fil-firxa tal-SBS żdiedu 9 Diviżjonijiet tan-NACE[3] marbutin mas-servizzi personali;
- L-integrazzjoni ta' punti ta' azzjoni u riżervi mill-verifikazzjonijiet tar-Riżorsi Proprji (RP) tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) u tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP);
- L-introduzzjoni tan-nefqa tal-familji fuq il-konsum finali msejsa fuq il-klassifikazzjoni l-ġdida tal-COICOP[4] 2018;
- Id-dħul fis-seħħ tar-rakkomandazzjonijiet tat-task force dwar l-assi fissi u l-istima tal-konsum tal-kapital fiss;
- Tagħrif ġdid dwar il-qasam tal-Attivitajiet tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri minn sorsi ta' data amministrattiva aġġornata għas-snin 2016-2018;
- L-integrazzjoni ta' fondi tal-pensjonijiet mill-2012 'il quddiem;
- L-integrazzjoni ta' stimi ġodda għall-kompletezza minn serje kronoloġika sħiħa;
- It-tirqim fl-istima tad-dħul primarju riċevibbli/pagabbli minn/lejn il-bqija tad-dinja, li b'hekk jirriżulta f'irfinar tat-tranżizzjoni tal-PDG lejn id-DNG;
- Għall-ewwel darba, l-NSO sa joħroġ l-aggregati ewlenin tal-kontijiet nazzjonali trimestrali f'termini nominali għall-perjodu 1995-1999[5] kif ukoll il-kontijiet mhux finanzjarji annwali bis-setturi istituzzjonali għall-perjodu 1995-2023.

Tagħrif metodoloġiku fid-dettall dwar it-titjib differenti miġjub b'din ir-reviżjoni tal-punti ta' riferenza jinstab hawn.

Noti:

[1] Tabella nru 6 tal-PDG mill-aspett tal-produzzjoni f'termini reali mhix sa tiġi ppublikata flimkien ma' din l-istqarrija. Din l-informazzjoni sa tkun ippubblikata sa nofs is-sena d-dieħla.

[2] Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi.

[3] Taqsimiet tan-NACE 85, 86, 87, 88, 90, 91, 92, 93 u 96.

[4] Il-klassifikazzjoni tal-konsum individwali, bil-għan.

[5] L-informazzjoni għal kull kwart tas-sena bejn is-snin 1995 u 1999 f'termini nominali sa tintbagħat lill-Eurostat wara li tiġi ppublikata din l-istqarrija.